**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tnejn, ħamsa (5) ta' Awissu 2024

Kawża Nru 6609/2024

**Il-Pulizija**

**(Spettur Antonello Magri)**

Vs

**Khabib Adizov**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Khabib Adizov**, iben Hakim u Manzura nee' Sharipova, imwieled Uzbekistan nhar l-għaxra (10) ta' April 1995 u residenti f'indirizz mhux magħruf detentur ta' permess ta' residenza

Finlandiż numru FI4526613 talli nhar it-tlieta (3) ta’ Awwissu 2024 għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta’ filgħaxija (23:15hrs) ġewwa l-Għassa ta’ Raħal Ġdid illi tinsab ġewwa Vjal Kristu Re, Paola volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għall-valur ta’ bejn tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 23.29) iżda mhux aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€ 250) u dan għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa’ jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma’ dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati

ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: l-akkużat inġabar mill-Pulizija tal-Rapid Intervention Unit peress li kien fis-sakra. Huwa ittieħed fl-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal il-Ġdid sakemm imbagħad wara li huwa ġie f'tiegħu huwa ġie rilaxxat. Xi nofs siegħa wara, l-akkużat reġa' mar lura l-Għassa tal-Pulizija jitlobhom il-mobile għaliex skont hu meta ġabruh il-Pulizija kienu ħadulu l-mobile. Il-Pulizija pero ma kienu elevaw l-ebda mobile minn fuqu u meta ippruvaw jispjegawlu li huma ma kellhom l-ebda mobile tiegħu fil-pussess tagħhom l-akkużat sar aggressiv u kisser il-perspex tal-bieb tal-Għassa. Id-danni involuti kienu jammontaw għal madwar sebgħa u għoxrin (€ 27) ewro.

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għall-fini ta' piena il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li l-akkużat ammetta l-akkużi fi stadju bikri tal-proċeduri, preċiżament mal-ewwel opportunita li huwa kellu kif wkoll li huwa talab skuża għall-akkadut.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat **ħati** tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għal sitt (6) xhur ħabs li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin jiġu sospiżi għall-perijodu ta' sentejn mil-lum.

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

In vista wkoll ta' dak dikjarat mill-Uffiċjal Prosekutur fit-trattazzjoni dwar il-piena, preċiżament l-ammont insinnifikanti tal-ħsara involuta, il-Qorti mhux sejra tagħmel ordni ta' kumpens taħt l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**